32002D0679

27.8.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 229/37

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-22 ta' Awissu ta' l-2002
li temenda d-Deċiżjoni Nru 2002/80/KE li timponi kondizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni tat-tin, ġellewż u pistaċċi u ċerti prodotti li ġejjin minnhom li joriġinaw fil-jew li ġew ikkunsinjati mit-Turkija

(notifikata bid-dokument numru K(2002) 3109)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2002/679/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 93/43/KEE ta' l-14 ta' Ġunju ta' l-1993 li tirrigwarda l-iġjene ta' l-oġġetti ta'l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/80/KE [2], kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 2002/233/KE [3], tiprovdi għall-reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni qabel l-1 ta' Lulju tassena 2002, sabiex tevalwa jekk il-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni jipprovdux livell suffiċjenti ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika fil-Komunità, u jekk hemmx bżonn kontinwu għall-kondizzjonijet speċjali.

(2) Ir-riżultati ta' l-ittestjar kif ġie ġie u ta' l-analiżi tal-kunsinni tat-tin mnixxef, tal-ġellewż u tal-pistaċċi li joriġinaw fil jew li ġew ikkunsinjati mit-Turkija juru li hemm bżonn kontinwu għall-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 2002/80/KE sabiex tipprovdi livell suffiċjenti ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika fil-Komunità.

(3) It-tin frisk mhux magħruf li huwa infettat bl-alfotossiċi u għalhekk huwa xieraq li jiġu eskluži mil-iskop tad-Deċiżjoni Nru 2002/80/KE. Il-pasti tat-tin u tal-ġellewża nstab li huma infettati bl-alfatossiċi u għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi fl-iskop ta' dik id-Deċiżjoni.

(4) Sabiex jiġi żgurat it-teħid ta' kampjuni salwarjament u l-analiżi tal-konsenji tat-tin niexef, ġellewż u l-pistaċċi li joriġinaw jew konsenjati mit-Turkija, jiġu magħmula b'mod arminizzat fil-Kommunità kollha, ikun xieraq li jiġi fissat il-frekwenza bejn wieħed u ieħor tat-teħid ta' kampjuni saltwarjament u l-analiżi, kif ukoll jiġi speċifikat il-metodu tat-teħid tal-kampjuni biex jiġi applikat għall-ġellewż, inkluż il-pakki fil-vakuu.

(5) Huwa neċessarju li tiġi aġġornata l-lista ta' punti tad-dħul għall-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Awstrija u l-Isvezja li minnhom il-prodotti konċernati mid-Deċiżjoni Nru 2002/80/KE jistgħu jiġu mpurtati.

(6) Id-Deċiżjoni Nru 2002/80/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.

(7) Il-Kumitat Permanenti dwar il-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie kkonsultat,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 2002/80/KE qedha tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri m'għandhomx jimpurtaw il-prodotti li jaqgħu taħt xi waħda mill-kategoriji li ġejjin, li joriġinaw fil-jew li ġew ikkunsinjati mit-Turkija, li huma maħsuba biex jiġu kkunsmati mill-bnedmin jew biex jintużaw bħala ingredjent fl-affarijiet ta' l-ikel, sakemm il-kunsinna ma tkunx akkumpanjata mir-riżultati ta' l-ikkampjunar u l-analiżi uffiċjali, u miċ-ċertifikat tas-saħħa mimli msemmi fl-Anness 1, iffirmat u vverifikat minn rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali tal-Protezzjoni u l-Kontroll tal-Minsiteru ta' l-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali tar-Repubblika tat-Turkija:

— it-tin iminixxef li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM bin-Nru 0804 20 90,

— il-ġellewż (Corylus sp) fil-qoxra jew bil-qoxra imneħħija li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM bin-Nru 0802 21 00 jew 0802 22 00,

— il-pistaċċi jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM bin-Nru 0802 50 00,

— taħlita ta' ġewż jew frott imnixxef li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM bin-Nru 0813 50 u li fiħ it-tin, il-ġellewż jew il-pistaċċi,

— pasta tat-tin u pasta tal-ġellewż li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM bin-Nru 2007 99 98,

— ġellewż, tin u pistaċċi, ppreparati jew ippriservati, inkluż it-taħli jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM bin-Nru 2008 19."

(b) Jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-ittestjar u l-analiżi kif ġie ġie imsemmija fil-paragrafu 5 għandhom jitwettqu fuq bejn wieħed u ieħor 10 % tal-kunsinni tal-prodotti għal kull kategorija ta' prodotti msemmija fil-paragrafu 1.

[1] ĠU L 175, 19.07.93, p. 1.
[2] ĠU L 34, 05.02.02, p. 26.
[3] ĠU L 78, 21.03.02, p. 14.

Kull kunsinna li għandha tiġi soġġetta għall-ikkampjunar u għall-analiżi, għandha tinżamm qabel tiġi rilaxxata fis-suq mil-punt tad-dħul fil-Komunità sa massimu ta' 10 ġranet tax-xogħol. F'din l-eventwalità, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu wkoll dokument uffiċjali li jistabbilixxi li l-kunsinna ġiet soġġetta għall-ikkampjunar u għall-analiżi uffiċjali u jindika r-riżultat ta' l-analiżi.

Għall-ġellewż l-ikkampjunar għandu jsir skond il-proċedura ta' l-ikkampjunar stabbilita fil-punt 5.2 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kummissjoni Nru 98/53/KE (*). Fil-każ tal-ġellewż li jinbiegħu f'pakketti bil-vakuum, għall-ammonti ugwali jew iżjed minn 15-il tunnellata għandhom jittirħdu mill-inqas 25 kampjun inkrimentali li jirriżultaw f'kampjun ta' bejn wieħed u ieħor 30kg u għall-ammonti ta' inqas minn 15-il tunnellata, 25 % tal-kampjuni inkrimentali għandhom jittieħdu skond id-Direttiva Nru 98/53.

(*) ĠU L 201, 17.07.98, p. 93."

2. L-Artikolu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt osservazzjoni fid-dawl ta' l-informazzjoni u l-garanziji pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tat-Turkija u a bażi tar-riżultati tat-testijiet mwettqa mill-Istati Membri.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta sal-31 ta' Diċembru ta' l-2002 fl-aktar tard, sabiex jiġi analizzat jekk il-kondizzjonijiet speċjali, imsemmija fl-Artikolu 1, jipprovdux livell ta' protezzjoni li jkun suffiċjenti għas-saħħa pubblika fil-Komunità. Ir-reviżjoni għandha ukoll tevalwa jekk hemmx bżonn kontinwu għall-kondizzjonijiet speċjali."

3. L-Anness II huwa mibdul bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-22 ta' Awissu ta' l-2002.

Ghall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II

Il-lista ta' punti tad-dħul li minnhom jidħlu t-tin, il-ġellewż u l-pistaċċi u l-prodotti li ġejjin minnhom li joriġinaw jew li huma kkunsinjati mit-Turkija jistgħu jiġu importati fil-Komunità

Stat Membru	Punt tad-dhul
Belgique-België	Antwerpen, Zeebrugge, Brussel/Bruxelles, Aalst
Danmark	All Danish harbours and airports and all border stations
Deutschland	HZA Lörrach — ZA Weil-am-Rhein-Autobahn, HZA Stuttgart — ZA Flughafen, HZA München — ZA München-Flughafen, HZA Hof — Schirnding-Landstraße, HZA Weiden — ZA Furth-im-Wald-Schafberg, HZA Weiden — ZA Waidhaus-Autobahn, Bezirksamt Rei-nickendorf von Berlin, Abteilung Finanzen, Wirtschaft und Kultur, Veterinär-und Lebens-mittelaufsichtsamt, Grenzkontrollstelle, HZA Frankfurt (Oder)— ZA Autobahn, HZA Cottbus — ZA Forst-Autobahn, HZA Bremen — ZA Neustädter Hafen, HZA Bremen — ZA Bremerhaven, HZA Hamburg-Hafen — ZA Waltershof, HZA Hamburg-Stadt, HZA Itzehoe — ZA Hamburg-Flughafen, HZA Frankfurt-am-Main-Flughafen, HZA Braunsch-weig — Abfertigungsstelle, HZA Hannover — Abfertigungsstelle, HZA Lüneburg — ZA Stade, HZA Dresden — ZA Dresden-Friedrichstadt, HZA Pirna — ZA Altenberg, HZA Löbau — Zollamt Ludwigsdorf-Autobahn, HZA Itzehoe — ZA Pinneberg, HZA Koblenz — ZA Hahn-Flughafen, HZA Oldenburg — ZA Wilhelmshaven, HZA Bielefeld — ZA Eckendorfer Straße Bielefeld, HZA Erfurt — ZA Eisenach, HZA Potsdam — ZA Ludwigs-felde, HZA Potsdam — ZA Berlin-Flughafen-Schönefeld, HZA Augsburg — ZA Memmingen, HZA Ulm — ZA Ulm (Donautal), HZA Karlsruhe -ZA Karlsruhe, HZA Berlin — ZA Dreilinden, HZA Gießen — ZA Gießen, HZA Gießen — ZA Marburg, HZA Singen — ZA Bahnhof, HZA Lörrach — ZA Weil-am-Rhein-Schusterinsel
Ελλάς	Athina, Pireas, Elefsis, Aerodromio ton Athinon, Thessaloniki, Volos, Patra, Iraklion tis Kritis, Aerodromio tis Kritis, Euzoni, Idomeni, Ormenio, Kipi, Kakavia, Niki, Promahonas, Pithio, Igoumenitsa, Kristalopigi
España	Algeciras (Puerto), Alicante (Aeropuerto, Puerto), Almería (Aeropuerto, Puerto), Asturias (Aeropuerto), Barcelona (Aeropuerto, Puerto, Ferrocarril), Bilbao (Aeropuerto, Puerto), Cádiz (Puerto), Cartagena (Puerto), Castellón (Puerto), Ceuta (Puerto), Gijón (Puerto), Huelva (Puerto), Irún (Carretera), A Coruña (Puerto), La Junquera (Carretera), Las Palmas de Gran Canaria (Aeropuerto, Puerto), Madrid (Aeropuerto, Ferrocarril), Málaga (Aeropuerto, Puerto), Marín (Puerto), Melilla (Puerto), Murcia (Ferrocarril), Palma de Mallorca (Aero-puerto, Puerto), Pasajes (Puerto), San Sebastián (Aeropuerto), Santa Cruz de Tenerife (Puerto), Santander (Aeropuerto, Puerto), Santiago de Compostela (Aeropuerto), Sevilla (Aeropuerto, Puerto), Tarragona (Puerto), Tenerife Norte (Aeropuerto), Tenerife Sur (Aero-puerto), Valencía (Aeropuerto, Puerto), Vigo (Aeropuerto, Puerto), Villagarcía (Puerto), Vitoria (Aeropuerto), Zaragoza (Aeropuerto)
Franza	Marseille (Bouches-du-Rhône), Le Havre (Seine-Maritime), Rungis MIN (Val-de-Marne), Lyon Chassieu CRD (Rhône), Strasbourg CRD (Bas-Rhin), Lille CRD (Nord), Saint-Nazaire Montoir CRD (Loire-Atlantique), Agen (Lot-et-Garonne), Port de la Pointe des Galets à la Réunion
L-Irlanda	Dublin — Port and Airport, Cork — Port and Airport, Shannon — Airport
L-Italja	Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Ancona Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Bari Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Genova Ufficio Sanità Marittima di Livorno Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Napoli Ufficio Sanità Marittima di Ravenna Ufficio Sanità Marittima di Salerno Ufficio Sanità Marittima ed Aerea di Trieste Dogana di Fernetti-Interporto Monrupino (Trieste) Ufficio di Sanità Marittima di La Spezia Ufficio di Sanità Marittima e Aerea di Venezia Ufficio di Sanità Marittima e Aerea di Reggio Calabria

Stat Membru	Punt tad-dhul
Il-Lussemburgu	Centre douanier, Croix de Gasperich, Lussemburgu
Nederland	All harbours and airports and all border stations
Österreich	HZA Feldkirch, HZA Graz, Nickelsdorf, Spielfeld, HZA Wien, ZA Wels, ZA Kledering, ZA Flughafen Wien, HZA Salzburg, ZA Klingenbach/Zweigstelle Sopron, ZA Karawanken-tunnel, ZA Villach
Il-Portugall	Lisboa, Leixões
Suomi-Finland	L-uffiċjal doganali Finlandiżi kollha
Sverige	Göteborg, Ystad, Stockholm, Helsingborg, Karlskrona, Karlsham, Landvetter, Arlanda
Ir-Renju Unit	Belfast, Channel Tunnel Terminal, Dover, Felixstowe, Gatwick Airport, Goole Grangemouth, Harwich, Heathrow Airport, Heysham, Hull, Immingham, Ipswich, King's Lynn, Leith, Liverpool, London (including Tilbury, Thamesport and Sheerness), Manchester Airport, Manchester Container Port, Manchester (including Ellesmere Port), Medway, Middlesborough, Newhaven, Poole, Shoreham, Southampton, Stansted Airport'"